**29 ta' Novembru, 1963.**

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Scicluna ne.

*versus*

Paolo Magri et.

**Bord tal-Kera — L-Intimat ma Jidherx — Art. 31 Kap. 109.**

*It-tieni paragrafu tal-art. 31 Kap. 109 jikkontempla l-każ meta l-intimat ma jikkontestax it-talba fl-ewwel seduta li għaliha l-kawża tkun ġiet appuntata. F'seduti oħra, jekk l-intimat ma jidherx la personalment u l'anqas b'rappresentant, il-kawża tista talvolta tiġi trattata u deċiża skond il-liġi fl-assenza tiegħu fuq il-provi tar-rikorrent, imma ma jistax jiġi applikat l-imsemmi art. 31.*

*F'dan il-każ l-intimat kien ikkontesta t-talba għal ħames darbiet permezz ta' Avukat, u fl-aħħar seduta la deher l-intimat u lanqas l-Avukat u l-Bord laqa t-talba għax l-intimat ma deherx.*

Il-Qorti, rat ir-rikors ta' Joseph Scicluna nomine quddiem il-Bord li jirregola l-Kera li bih talab li jieħu taħt idejh il-fond nru. 57 Oratory Street, Mosta mikri lil Paolo Magri peress illi l-inkwilin għamel użu divers mill-fond.

Rat id-deċiżżjoni ta' dak il-Bord ta' l-4 ta' Ġunju, 1963 li biha billi rritjena li l-imsejjaħ naqas u ma deherx, laqgħa

t-talba u ta lill-imsejjah iż-żmien ta' erbgħin ġurnata biex jiżgombra bl-ispejjeż.

Rat ir-rikors li bih Lucrezia armla Magri (li fiha b'degriet tal-Bord tad-9 ta' Frar, 1963 kien ġie trasfuż il-ġudizzju stante l-mewt ta' Paolo Magri) appellat minn dik id-deċiżżjoni u talbet li hi tiġi restitwita 'in integrum' biex tipproduċi l-provi kollha permessi mil-liġi in sosten tal-kontestazzjoni tagħha u d-deċiżżjoni appellata tiġi revokata u t-talba tal-appellat tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Il-Bord laqa' t-talba in bażi għall-artikolu 31 tal-Kapitolu 109 li jgħid hekk:—

> "The lessor or the tenant on whom the application has been served shall make his submissions, orally or in writing, if any, at the hearing of the matter. He may, however accede to the requests contained in the application, by means of a written reply filed in the Registry of the Board at any time previous to the date fixed for the hearing.
>
> In default of any submissions on the date fixed for hearing in contestation of the request contained in the application the Board shall allow the application."

Issa l-fatti ta' dan il-ġudizzju huma dawn:—

Ir-rikors ta' l-appellat, preżentat fil-25 ta' Settembru, 1962, kien ġie appuntat għas-smiegħ għall-20 ta' Novembru, 1962. Dik inhar deher għall-intimat Dottor Joseph Borg biex ikkontesta t-talba u l-kawża ġiet differita għall-15 ta' Jannar fuq talba ta' l-appellat. F'din id-data raġa deher għall-intimat Dottor Vincent Scerri, iżda l-kawża ma ġietx mismugħa peress li l-intimat kien jinsab marid l-Isptar u l-appellat ma xtaqx illi l-kawża ssir dik inhar. Il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Frar, 1963. Intant miet l-intimat Paolo Magri u l-appellat talab, b'rikors tat-8 ta' Frar, illi l-kawża titkompla in kontestazzjoni ta' martu Lucrezia Magri u illi għaldaqshekk jiġu aġġunti fir-rikors, wara isem l-intimat, il-kliem "u llum stante l-mewt ta' Paolo Magri l-ġudizzju jitkompla in kontestazzjoni ta' Lucrezia armla minn Paolo Magri" jew kliem ieħor simili, billi l-istess Lucrezia Magri tiġi notifikata bir-rikors bl-aġġunta fuq indikata u bid-data tad-differiment tal-kawża. Din it-talba ġiet akkordata mill-Bord. Fit-28 ta' Frar, 1963 raġa għall-interess ta' l-intimati deher Dr. Joseph Borg, iżda l-kawża ġiet differita għat-23 ta' April, 1963 peress illi kien għad jonqos in-notifika ta' l-appellanti. Din in-notifika saret fit-2 ta' Marzu, 1963. Fis-seduta deher biss Dottor Borg għall-appellanti iżda l-kawża reġgħet ġiet differita għall-4 ta' Ġunju, fuq talba tad-difensur tar-rikorrent marid. F'din l-aħħar data jidher li deher biss id-defensur tal-appellat: l-appellanti msejjħa tliet darbiet ma dehrietx u għalhekk il-kawża ġiet deċiża bl-akkoljiment tat-talba, kif intqal.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti jidhrilha illi hu irreali li wieħed jgħid illi l-appellanti kienet 'kontumaċji' fis-sens li ma kienetx ikkontestat jew kienet aderiet għat-talba u li din it-talba, għalhekk, setat tiġi milqugħa skond l-imsemmi art.

31. Skond l-artikolu 33 ta' dik il-liġi l-partijiet jistgħu jidhru quddiem il-Bord in persuna jew jistgħa jidher għalihom jew jassistihom ħabib — fil-prattika, avukat jew prokuratur legali. Mill-verbali fuq ċitati jirriżulta illi għall-interess ta' l-intimat biex jiddefendi l-kawża deher l-avukat tiegħu ħames darbiet u għal xi raġuni jew oħra t-trattazzjoni u s-smiegħ tal-kawża ma setax isir. Jekk jingħad — kif issuġġerixxa l-avukat ta' l-appellat waqt is-smiegħ ta' l-appell — illi wieħed għandu jħares biss lejn iż-żmien, wara li l-intimat oriġinali miet u fuq talba ta' l-appellat ġiet imdaħħla biex tkompli l-kawża l-appellanti martu li skond il-liġi saret it-"tenant" floku, — ir-risposta hi, l-ewwelnett, li jista' jkun hemm kwistjoni (il fuqha l-Qorti m'hi tagħmel ebda pronunċja u tħallieha mpreġudikata) jekk dik it-talba setgħatx tiġi milqugħa bħala każ ta' trasfussjoni għat-termini ta' l-artikolu 810 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili una volta li l-appellanti saret hi — kif jgħid l-appellat — il-lokatarja in testa proprja "ope legis" inkellha messhomx bdew proċeduri ġodda fil-konfront ta' l-appellanti. Fit-tieni lok, u in kwanlunkwe każ, anki l-appellanti, wara li ġiet notifikata kif intqal fuq, reġgħet ikkontestat il-kawża billi deher għaliha Dottor Borg fis-seduta tat-23 ta' April.

Fil-fehma tal-Qorti t-tieni paragrafu ta' l-artikolu 31 tal-Kap. 109 fuq riportat qed jikkontempla l-każ meta l-intimat ma jikkontestax it-talba fl-ewwel seduta li għaliha l-kawża tkun ġiet appuntata. Jidher ċar illi d-"date fixed for hearing" — imsemmija f'dan il-paragrafu hi l-istess "date of hearing" jew "date fixed for the hearing" li dwarha jiddisponi l-artikolu 29, ċioe id-data ta' l-ewwel appuntament tar-rikors. F'seduta oħra, jekk l-intimat ma jidherx la personalment u lanqas b'rappreżentat kif intqal, il-kawża tista' talvolta tiġi trattata u deċiża, skond il-liġi, fl-assenza tiegħu fuq il-provi tar-rikorrent (art. 109 Proċ. Ċiv.), imma ma jis-

tax jiġi applikat l-imsemmi art. 31 Kap. 109.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tħassar id-deċiżżjoni appellata u tordna li l-atti jiġu rimess lill-Bord li Jirregola l-Kera biex — salvi l-eċċezzjonijiet kollha u salv is-smiegħ ta' l-provi jekk ikun il-każ il-kawża tkompli skond il-liġi. L-ispejjeż ta' prim'istanza jibqgħu riżervati għad-deċiżżjoni tal-Bord. L-ispejjeż ta' l-appell iħallashom l-appellat.